# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minuti tal-ħamsa u għoxrin (25) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar it-Tlieta 15 ta' Ġunju, 2010 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Rose Roberts Kunsillier
Stephen Mizzi Kunsillier
Nadia Zammit Kunsillier
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Mhux il-Kunsilliera kollha leħqu qraw il-Minuti tas-seduta ta' qabel.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti ser jiġu approvati fil-laqgħa li jmiss.

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

3.1. Ma kienx hemm punti mqajjma.

**4. Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno**

4.1. Is-Sindku tkellem fuq il-website u ssuġġerixxa lis-Segretarju sabiex jagħmel xi update informazzjoni.

4.2. Is-Sur Salerno staqsa lis-Segretarju għal rendikont tal-Finanzi u ippreżenta l-bilanċi tal-kontijiet li bħalissa qegħdin nonfqu, kif kien mistenni minn dawk il-flus li kellna miżmumin minħabba l-bini tal-Kunsill.

4.3. Salerno qal li għandna l-proġett tat-toroq għadu pending u qegħdin nistennew lil Water Services sabiex jibgħatulna l-letter of acceptance biex ikun jista jibda x-xogħol. Dan id-dewmien minħabba li l-Ministeru ta' l-Onor. Tonio Fenech għadu ma aġġudikax it-tender tal-Kuntratturi li jaħdmu magħhom.

4.4. Is-Sur Salerno bi pjaċir ħabbar li ħadna l-proġett ta' l-Apron ta' fejn jaraw l-ajruplani u qal li iltaqa wkoll mas-Sur Joe Ciliberti tal-avjazzjoni u lesti li ituni biċċa magna ta' ajruplan u cockpit.

Għal dan ix-xogħol irridu noħorġu quotes ta' amara tat-toroq bħal bankijiet u bins, xogħol tar-rikostruzzjoni u quote tal-cameras sabiex iż-żona tkun sorveljata.

4.5. Propju fuq il-cameras is-Sindku qal li fejn l-iskips kellhom suppost ikunu mgħammra bil-cameras pero minkejja li s-Sur Joe Attard tagħna kellma li dawn ser ikunu sorveljati sal-lum dawn għadhom minajr cameras. Mario kompla u qal li propju llum waslu l-boroż li kellhom jaslu f'Marzu.

Il-Kunsill qabel li tintbgħat is-second default lil Green MT fin-nuqqas li ma jinżammx il-ftehim li l-BIS ma jiġux mgħammra bil-cameras fi żmien 24siegħa.

4.6. Is-Sindku ħabbar ukoll bi pjaċir li ħadna wkoll l-iskema tal-*Family Hort* għalhekk tajjeb li l-Kunsill jibgħat ittra lis-Surmast ta' l-iskola sabiex jiġu magħżula l-għaxart itfal li ser ikunu parti minn dan il-proġett.

Il-Kunsill qabel li tinħareġ l-expression of interest ta' min ser jissuplixxi l-ikel għal dan il-proġett u li jieħu ħsieb l-ikel għal għaxart itfal għal-ħamest ijiem f'ġimgħa għal tnejn u ħamsin ġimgħa.

Tajjeb li jinħarġu wkoll quotes għall-għalliema min ser jieħu ħsieb lit-tfal u jgħinhom fil-*homework* kif ukoll il-quote għas-social worker.

4.7. Is-Sindku qal ukoll li ix-xogħol li kellna tal-pannelli fotovoltajiċi issa tlesta fuq il-bejt tal-Kunsill il-ġdid fi Triq San Benedittu. Salerno fakkar li dawn swew €11,000 u li il-Kunsill ibbenefika €7,000 minnhom mil-iskema *Enegry Saving.*

Propju fuq l-Enerġija alternativa s-Sindku qal li Ħal Kirkop ukoll iffirma il-convenent of Mayors li sar ġewwa Brussel minkajja li ma konnix preżenti fiżikament. Għalhekk Ħal Kirkop ukoll daħal f' commitment li irid inaqqas l-emmissjonijiet fir-raħal

4.8. Is-Sur Salerno qal li kellna call for application għall-proġett ERDF li hu ffindat 85% mil-EU u 15% mil-fondi nazzjonali. Il-Kunsill ta' Ħal Kirkop kellu proposta interessanti ħafna imma kif morna fil-laqgħa ta' kjarifika ma' rappreżentanti ta' l-OPM dawn qatgħulna qalbna u qalulna li kif kienet il-proposta dan ma jiġix aċċettat.

4.9. Is-Sindku qal lil sħabu l-Kunsilliera sabiex jibdew jaħsbu għall-artiklu tan-newsletter sabiex inleħħlu on-time.

4.10. Is-Sindku tkellem fuq l-Irkotta fest u qal li morna tajjeb ħafna u irridu nagħmlu post mortem meeting sabiex ikollna record x'mar tajjeb u x'mar ħażin u intejjbu fejn morna tajjeb.

4.11. Is-Sindku fakkar lil sħabu li issa li wasalna għas-sitt xahar tas-sena wasal iż-żmien li jingħataw l-allowance lil Kunsilliera u tajjeb li jinħarġu ċ-ċekkijiet fil-ħin.

4.12. Is-Sindku qal li tajjeb nibgħatu reminder lil Onor. Jason Azzopardi għall-iskate park flok il-pompa li hemm fejn il-Multigas.

4.13. Salerno tkellem fuq il-GAL Xlokk u ssuġġerixxa lis-Sinjura Rose Roberts sabiex tippreżenta l-Minuti tal-laqgħat tal-GAL Xlokk.

4.14. Is-Sur Salerno staqsa kif ser jibqgħu is-Sur Carbone u s-Sinjuri Diacono fuq it-trip ta' Rousset. Salerno ssuġġerixxa li Carbone ikellem lil Elisabeth Bege sabiex jiċċara magħha.

4.15. Is-Sindku tkellem fuq il-posti tal-festi u qal li posta G u H ta' fejn il-Knisja fi Triq il-Kbira jimxu għal mal-ġenb tal-Knisja. Posti P1, P2, u P3 ġie maqbul li jitneħħew minħabba li inbniet il-latrina flokhom u jitmexxew għal Triq il-Lewżiet.

4.16. Is-Sindku infoma lil sħabu li kellu laqgħa, flimkien mas-Segretarju mas-Sur Portoghese ta' l-ST u ġejna nfurmati li nhar it-28 ta' Ġunju ġej l-owner u rridu li nnaddfu quddiemhom. Is-Sindku qal li bgħat email lil Dr. Chris Said sabiex imexxi l-kelma huwa wkoll u ikollna kollox nadif għal dik il-ġurnata.

**5.1. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joe Carbone**

5.1.1. Il-Viċi Sindku qal li sabuh xi nisa anzjani u lmentaw miegħu, dwar l-għajnuna mil-UE, f' dak li hu tqassim ta' ross, dqiq, zokkor, għaġin eċċ. Meta ndaga, h usar jaf li suppost huma japplikaw is-Social Services imbgħad meta jkun hemm numru sostanzjali, l-prodottu jingħataw lil Kappillan u hu jqassamhom. Is-Sur Carbone qal issa li l-Kappillan tagħna, milli jidher ma jridx jieħu sehem f'din l-għajnuna.

Is-Sur Carbone issuġġerixxa li titqassam nota, lil min hu intitolat, biex imur japplika, mbgħad naraw kif nistgħu inwasslu l-prodotti lil min għandu d-dritt li jieħu, jew aħjar lil min ikun talab għall-għajnuna u jkun intitolat.

5.1.2. Carbone qal li għandna nagħmluha ċara daqs il-kristall, li l-Kappillan ma jridx jagħti l-għajnuna tiegħu.

5.1.3. Il-Viċi Sindku qal li ftit taż-żmien ilu, ġew imqiegħda erba skips tar-riċiklaġġ quddiem id-dar tiegħu. Hu qal li ma jdejquhx, pero xi ġirien dejquh jilmentaw dwarhom. Biex nikkuntentaw lil kulħadd, hu qed jitlob biex dawn jitresqu. Hu reġa' qal li lilu ma kienux qed idejquh fejn kienu. Meta ġew imċaqalqa, l-iskips intefgħu in-naħa l-oħra tal-fence, eżatt fuq parking bay ħdejn il-gate tal-barracks. Hu kompla jgħid li ma waqfux in-nies iħabbtulu d-dar u jgħidulu li qlajtu mil-istonku u tfajtu f'tagħhom (b'aktar kliem Malti safi minn dan). Dan mhux sewwa li weħel hu bl-iżball ta' ħaddiehor. Sa fejn jaf hu, l-iskips kellu jsirilhom post ħdejn il-funtana, faċċata tal-fence, biex ma jdejqu lil ħadd. Dan ma sarx u bl-għaġġla kif saru l-affarijiet qiegħed jieħu t-tort hu, sa anke lil mara qed ikellmu u kwazi jkellmuha ħażin. Dan mhux sewwa u qal sabiex jaraw x'ser jagħmlu. Jekk jibqgħu dejn huma, hu lest li jċempel lil ta' l-iscammel u jgħidlu jeħodhom mir-raħal.

5.1.4. Is-Sur Carbone qal li wasal iż-żmien li nixtru s-socket outlets u s-switches. Hu għandu xi aġenti li jixtieq idurhom għal-istimi. Hu staqsa x'jaħsbu sħabu jekk jixtrix ta' isfel biss jew inkella ta' fuq ukoll. Carbone qal li jista jkun hemm lok li tinbidel l-għamla allura hu jissuġġerixxi li nixtruhom kollha f'daqqa.

5.1.5. Il-Viċi Sindku qal li rridu naraw x'tip ta' fittings tad-dawl ser iwaħħal fis-suffetti għaliex issa daqt jasal għalihom. Dwar is-suffetti, jixtieq li jiġi ċċarat il-kliem, għax dak li ġie jara x-xogħol b'kollox u mhux aħna nissuplixxu l-meterjal u ngħinuh bil-ħaddiema tagħna. Hu jagħmel biss it-tifsil u jippanċja l-planki bil-gun.

Carbone qal li tajjeb nordnaw is-sollijiet tat-twieqi ta’ l-irħam jew xi materjal simili, biex naraw minn fejn, dawn jistgħu jeħlu.

Il-mastudaxxa kien qallu biex tinxtara s-serratura għall-biex ta’ barra.

5.1.6. Is-Sur Carbone qal li qed jiġu xi nies, biex jaraw x’hemm points tan-network. Min jieħu x-xogħol ma jistax jibda qabel jgħidlu hu, għax irid jagħmel xi olterazzjonijiet fuq il-pajpijiet tan-network għax bi żvista kważi ġew imissu ma’ tad-dawl u jista jkollna xi interferenza. Hu ħa il-parir ta’ wieħed li ġie biex jara x-xogħol.

Carbone qal li xi Pjazza Żernieq għall-irkotta fest ġiet imnaddfa u nbnew il-ħitan bil-knaten li kien hemm kien hemm maqlugħin. Hu jissuġġerixxa li s-Segretarju taż-żewġ għaqdiet tal-festi jiġu avviċinati, biex jaraw li wara kull festa il-pjazza tinżamm nadifa u fl-ista li qiegħda bħalissa, blama jħallu skart tan-nar u ġebel mil-ħitan maqligħin

**5.2. Stqarrija tal-Kunsillier Stephen Mizzi**

5.2.1 Grawnd tal-futbol - Ix-xoghol fil-grawnd tal-futbol beda u bħalissa qed jingiref il-wiċċ sabiex titneħħa il-ħamrija kollha minn go fih. Imbagħad ser isir xi tħaffir fil-blat sabiex tiġi livellata l-art u jkun jista jingħata il-wiċċ sintetiku ġdid. Irridu naħsbu għax-xogħol li jrid jsir minn naħa tat-Triq primarjament fejn ser imur l-ilma tax-xita la jitneħħa il-*culvert*. Barra minn hekk ser titqaċċat ukoll is-siġra l-kbira li hemm biswit il-grawnd tal-futbol.

5.2.2 Korsijiet - Bi pjaċir is-Sur Mizzi ħabbar li l-konkorenza għall-korsijiet tas-sajf imtella mill Kunsill Lokali ser ikollhom parteċipazzjoni sodisfaċenti ħafna. Fil-fatt ser jittellgħu ħames klassijiet tat tfal - 2 kull nhar ta’ Tlieta filgħodu u 2 kull nhar ta' Erbgħa filgħodu u waħda kull nhar ta' Sibt. Ser tittella’ wkoll klassi waħda għal kbar matul il-gimgħa liema ġurnata għad trid tiġi determinata. Il-*lecturer* ser titħallas bir-rata ta’ 12 il-Ewro fis-siegħa u ser isir kors ta’ 8 lezzjonijiet bejn Lulju u Settembru. Il-Ħlas li ser jintalab lit-tfal huwa ta' Ewro 12 li jkopri il-kors kollu u b'hekk il-programm ikun self sustainable. Għad irid jiġi determinat il-prezz tal-kbar wara

li nikkonfermaw kemm ser ikollna nies. Is-Sur Mizzi talab lil Kunsill sabiex nivvutaw €100 għal dawn il-lezzjonijiet għall-każ li jiddroppja xi ħadd ikollna biex inkorpru l-ispejjeż.

5.2.3. Indafa – Għalkemm hu persważ li qed isir minn kollox possibbli sabiex tinżamm l-indafa qed niltaqgħu ma' bosta każijiet fejn nies qed jitraskuraw u joħorġu skart bl-addoċċ. Hu iħoss li reġa' wasal iż-żmien li nqabbdu l-green wardens iduru sabiex iħarrku lil kull min qed jabbuża.

**5.3. Stqarrija tal-Kunsillier Rose Roberts**

5.3.1. Rose qalet li l-ġurnata Catania irnexxiet u kienet ta' suċċess kbir u kienu 26 ruħ u li ħallsu €85 kull wieħed bil-coach inkluża. Din l-attivita ser tkun inkluża fin-newsletter li jmiss.

5.3.2. Is-Sinjura Roberts qalet li ser isiru klassijiet tal-keep fit lil dawk il-persuna obese b'iktar minn 25 BMI mid-Dipartiment tas-Saħħa. Kellna ħafna applikazzjonijiet u dawn ser isiru darbtejn fil-ġimgħa.

5.3.3. Rigward l-irkotta fest Roberts qalet li għas-sena d-dieħla tajjeb li nagħmlu leaflet bir-riċetti ta' kif issir l-irkotta.

Rose riedet tiċċara wkoll li minkejja li s-Sur Mizzi kien qallha li ma jistgħux jipparteċipaw każini politiċi hi saqsiet lil Dr. Chris Said u qallha li kieku ħadtu sehem kien jieħu aktar pjaċir.

Stephen qalla li tajjeb li jiċċaraha li hu hekk kien infurmat u instruwit u li qed jiskanta għaliex meta tkellem mal-Perm. Sec ta' Dr. Chris Said qallu li jekk jidħlu partiti politiċi jintilfu l-fondi. Għalhekk huwa ried jiċċara u staqsa li jekk jieħdu sehem il-partiti politiċi ma jintilfux il-fondi?

Roberts qaltli li le u tant hu hekk il-Għargħur ħa ħsiebha l-Onor George Pullicino.

**5.4. Stqarrija tal-Kunsillier Nadia Zammit**

5.4.1. Nadia skużat ruħha li dan l-aħħar ma kienetx disponibbli minħabba li kellha l-eżamijiet.

**6. Affarijiet oħra**

L-affarijiet l-oħra ġew imsemmija u ċċarati waqt l-istqarriji.

**7. Awtorizzazjoni tal-pagamenti**

Il-pagamenti għaddew kollha. Proponuti minn Mario Salerno s-Sekondat minn Joe Carbone.

**8. Konklużjoni**

8.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm.

**Mario Salerno**
**Sindku**

**Ranier Busuttil**
**Segretarju Eżekuttiv**